KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.11.2008
KUMM(2008) 652 finali/2

CORRIGENDUM
Annule et remplace le document COM(2008)652 final du 17.10.2008
Titre incomplet: concerne toutes langues.

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Lejn klusters ta' klassi dinjija fl-Unjoni Ewropea:

L-implimentazzjoni ta' strateġija għall-innovazzjoni msejsa fuq bażi wiesgħa

{SEK(2008) 2637}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Lejn klusters ta' klassi dinjija fl-Unjoni Ewropea:

L-implimentazzjoni ta' strateġija għall-innovazzjoni msejsa fuq bażi wiesgħa

INTRODUZZJONI

It-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tax-xogħol fl-UE jiddependu dejjem iżjed fuq l-eċċellenza u l-innovazzjoni bħala l-muturi ewlenin tal-kompetittività Ewropea. Filwaqt li tirrikonoxxi dan il-fatt, l-UE fl-2006 adottat strateġija għall-innovazzjoni msejsa fuq bażi wiesgħa[1] u identifikat klusters ta' tisħiħ fl-Ewropa bħala waħda mid-disa' prijoritajiet strateġiċi għall-promozzjoni ta' innovazzjoni b'suċċess[2].

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza li nkisbet mill-isforzi reġjonali, nazzjonali u l-politika tal-klusters tal-UE, it-tnedija tal-Memorandum tal-Klusters Ewropew[3] f'Jannar 2008 kien pass importanti lejn aktar inkoraġġiment għall-iżvilupp tal-klusters. Dan l-aħħar, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE saħqu fuq il-ħtieġa biex jikkoordinaw aħjar il-kundizzjonijiet ta' qafas għal innovazzjoni **"***inkluż permezz ta' konnessjonijiet imtejba bejn ix-xjenza u l-industrija u* klusters *ta' innovazzjoni ta' klassi dinjija u l-iżvilupp ta' klusters reġjonali u netwerks"*[4].

Kluster jista' jkun iddefinit b'mod wiesa' bħala grupp ta' ditti, atturi ekonomiċi relatati, istituzzjonijiet li jinsabu ħdejn xulxin u li jkunu laħqu skala suffiċjenti biex jiżviluppaw kompetenza speċjalizzata, servizzi, riżorsi, forniturі u kapaċitajiet[5]. Il-politika tal-klusters hi mfassla u implimentata f'livell lokali, reġjonali u nazzjonali, skont l-ambitu u l-ambizzjoni tagħhom. F'dan ir-rwol il-Komunità tiffaċilita u żżid ma sforzi bħal dawn, notevolment billi ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas, tippromwovi r-riċerka u l-eċċellenza tal-edukazzjoni u l-intraprenditorija, trawwem konnessjonijiet aħjar bejn l-industrija (speċjalment l-IŻMs) u r-riċerka, u tinkoraġġixxi tagħlim reċiproku ta' politika u kooperazzjoni tal-klusters mal-UE kollha. F'dan ir-rigward, it-tkomplija ulterjuri tas-suq intern u l-iżvilupp ta' Żona Ewropea ta' Riċerka kompetittiva huwa kruċjali.

Din il-Komunikazzjoni tenfasizza qafas ta' politika għal komplementaritajiet u sinerġiji aħjar bejn il-livelli differenti ta' politika bl-għan li tappoġġja l-iżvilupp ta' klusters ta' klassi dinjija aħjar fl-UE.

---

1 Ara Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "*Inpoġġu l-għarfien fil-prattika*: *Strateġija wiesgħa għall-innovazzjoni għall-UE"*, COM (2006) 502 finali, disponibbli f': http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/com/2006/com 2006_0502en01.pdf.

2 Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2006 (Kompetittività): http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/intm/91989.pdf.

3 Ara http://www.proinno-europe.eu/NWEV/uploaded_documents/European_Cluster_Memorandum.pdf.

4 Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell (13/14 ta' Marzu 2008): http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/ec/99410.pdf.

5 Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar "il-kunċett ta' klusters u politika tal-klusters u r-rwol tagħhom għall-kompetittività u l-innovazzjoni: Riżultati statistiċi ewlenin u tagħlimiet meħuda", SEC(2008)2637.

1. IL-PROMOZZJONI TAL-KLUSTERS FL-UE RIŻULTATI TAL-POLITIKA

Il-klusters huma l-biċċa l-kbira fenomenu mmexxi mis-suq. L-aktar klusters ta' suċċess jinħolqu b'mod spontanju bħala riżultat ta' vantaġġi kompetittivi naturali, forzi tas-suq jew sempliċiment b'kumbinazzjoni. Madankollu, minħabba l-politika ddedikata tal-klusters fl-Istati Membri, notevolment mill-aħħar tal-1990, hemm għadd dejjem jikber ta' każijiet fejn politika pubblika li tħares 'il quddiem, inizjattivi ta' negozji jew l-aqwa universitajiet u istituti ta' riċerka kienu strumentali fit-tfaċċar ta' klusters sodi billi jaġixxu bħala katalisti u jgħinu biex jiġi sfruttat il-potenzjal ekonomiku u xjentifiku ta' reġjuni partikolari.

Għalkemm bejn wieħed u ieħor l-iżvilupp tal-politika tal-klusters jibqa' fi stadju bikri fl-UE, dan qed jaqbad ir-ritmu. L-approċċi tal-politika tal-klusters huma differenti mal-UE kollha. Approċċ wieħed mhux adattat għal kull pajjiż. Filwaqt li strumenti u mekkaniżmi differenti b'appoġġ għall-klusters qed jiġu applikati għal postijiet differenti, dawn qed jintużaw dejjem iżjed biex irawmu bidla strutturali, biex jagħtu ħajja mill-ġdid lil ċerti setturi industrijali bħall-industriji marittimi[6], u biex jipprovdu qafas għal strateġiji politiċi oħra bħar-riċerka, l-innovazzjoni u l-politika reġjonali. Riżultat ta' dan, il-klusters llum huma parti importanti tar-realtà ekonomika Ewropea. Pereżempju, l-Osservatorju Ewropew tal-Klusters[7] identifika madwar 2 000 kluster statistikament sinifikanti ddefiniti bħala agglomerazzjonijiet reġjonali ta' industriji u servizzi ko-allokati, u dan jissuġġerixxi li 38 % tal-ħaddiema Ewropej huma impjegati minn kumpaniji fi klusters bħal dawn, jiġifieri setturi agglomerati ħafna.

Filwaqt li aċċettat bis-sħiħ in-natura ta' klusters mmexxija mis-suq, il-Komunità kienet strumentali fil-promozzjoni tat-tfaċċar u l-eċċellenza tal-klusters. Mill-bidu tal-1980, l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-iżvilupp ekonomiku wżaw strumenti ta' politika ta' koeżjoni biex jiżviluppaw strateġiji ta' innovazzjoni inkluż it-trawwim tal-klusters. Din hija wkoll parti mill-aġenda ta' riforma Ewropea għat-tkabbir u l-impjiegi[8] u bejn wieħed u ieħor EUR 86 biljun, li jirrappreżentaw 25 % tal-Fond għal Politika ta' Koeżjoni totali, kien allokat fil-perjodu attwali ta' pprogrammar (2007-2013) għal riċerka u innovazzjoni[9].

Il-Linjigwida Strateġiċi tal-Komunità dwar il-Koeżjoni (LSK) adottati mill-Kunsill fis-6 ta' Ottubru 2006[10] għall-perjodu tal-2007-2013 espliċitament jinkoraġġixxu lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jippromwovu klusters sodi bħala parti mill-istrateġiji ta' riforma ekonomika tagħhom. Il-qafas rivedut tal-għajnuna għall-Istat tal-UE jirrikonoxxi wkoll l-utilità potenzjali tal-appoġġ pubbliku billi jippermetti ċerti miżuri ta' appoġġ immirati għall-iżvilupp tal-klusters[11].

---

6 Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar il-klusters marittimi f': http://ec.europa.eu/maritimeaffairs/pdf/Maritime_clusters_SEC_2007_1406.pdf.

7 Ara http://www.clusterobservatory.eu jew id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah.

8 Ara l-Linjigwida Integrati għat-tkabbir u l-Impjiegi, li jinsabu f': http://ec.europa.eu/growthandjobs/guidelines/index_en.htm.

9 Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Reġjuni li jwasslu l-innovazzjoni permezz tal-Politika ta' Koeżjoni", SEC(2007) 1547, 14.11.2007.

10 Ara http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/2007/osc/index_en.htm.

11 Ara taqsima 5.8 ("Għajnuna għal klusters ta' innovazzjoni) tal-Qafas tal-Komunità għall-għajnuna tal-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni(ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1), li jistabbilixxi regoli speċjali għall-għajnuna għall-investiment u l-għajnuna għall-operat għall-animazzjoni tal-klusters. Madankollu, dawn ir-regoli ma japplikawx b'mod esklussiv, biex il-klusters jkunu jistgħu jkunu eliġibbli għal tipi oħra ta' għajnuna. Aktar tagħrif dwar ir-riforma tal-għajnuna tal-Istat f': http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/reform/reform.cfm.

Bl-inizjattiva Reġjuni għal Bidla Ekonomika[12], il-Kummissjoni tassisti netwerks transnazzjonali ta' reġjuni fl-isforzi tagħhom biex itejbu s-sistemi ta' innovazzjoni reġjonali tagħhom, li fihom il-politika tal-klusters jista' jkollha rwol prominenti. L-inizjattiva Reġjuni ta' Tagħrif[13] implimentata skont FP7 bħala parti mill-politika taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ERA)[14] timmira li ssaħħaħ il-potenzjal ta' riċerka tar-reġjuni Ewropej permezz tal-istabbiliment ta' strateġiji bbażati fuq ir-riċerka billi tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' klusters immexxija mir-riċerka li jassoċjaw universitajiet, ċentri ta' riċerka, impriżi u awtoritajiet reġjonali u billi tappoġġja l-kooperazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-faxxa tal-infrastrutturi ta' riċerka tal-programm tal-Kapaċitajiet FP7 timmira li tottimizza l-użu u l-iżvilupp ta' infrastrutturi ta' riċerka ġodda eżistenti u eċċellenti ta' interess pan-Ewropew[15]. L-Istati Membri jistgħu għalhekk joqogħdu fuq l-appoġġ sostanzjali għal riċerka u innovazzjoni, inkluż l-iżvilupp tal-klusters, minn strumenti differenti tal-UE.

B'mod globali sar progress tajjeb fil-promozzjoni ta' aktar kooperazzjoni mill-qrib bejn programmi ta' klusters minn Stati Membri u reġjuni differenti, kif iddokumentat bil-Memoranda ta' Ftehim u proġetti pilota konġunti b'appoġġ għall-attivitajiet tal-klusters. L-Alleanza Ewropea tal-Klusters[16] kienet partikolarment strumentali biex tgħaqqad flimkien għadd kbir ta' ministeri u amministrazzjonijiet pubbliċi responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-klusters. Amministrazzjonijiet pubbliċi differenti bħalissa qed jaħdmu aktar mill-qrib flimkien. Riżultat ta' dan, ittieħdu l-ewwel passi lejn il-kooperazzjoni ta' politika tal-klusters mal-UE kollha.

Aktar tard fil-proċess u b'mod komplimentari, l-UE qed tagħti appoġġ konkret lill-kooperazzjoni transnazzjonali f'livell operazzjonali. L-inizjattiva Ewropa INNOVA ™ [17]skont il-Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (PKI) tiffoka primarjament fuq l-iżvilupp konġunt ta' għodod ġodda jew aħjar għall-użu mill-organizzazzjonijiet tal-klusters b'appoġġ tal-IŻMs innovattivi, billi ttejjeb is-servizzi ta' appoġġ tan-negozji għall-klusters fl-Ewropa. Din l-inizjattiva għenet biex jiżdiedu l-konnessjonijiet ta' negozju bejn il-klusters fl-UE billi torganizza skemi ta' żjarat tal-klusters u avvenimenti ta' tlaqqigħ u tħejjija ta' ftehimiet ta' sħubija għall-ħolqien ta' pjattaformi miftuħa ta' negozju settorali għall-klusters[18].

Minħabba r-rwol tal-IŻMs għall-iżvilupp tal-futur tal-UE, il-Kunsill Ewropew enfasizza wkoll l-importanza li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' IŻMs innovattivi fi klusters, partikolarment bl-għan li jippromwovi l-istrateġiji ta' internazzjonalizzazzjoni f'konformità mal-Att għan-Negozji ż-Żgħar li tnieda dan l-aħħar[19].

---

12 Aktar tagħrif dwar din l-inizjattiva jista' jinkiseb fuq: http://ec.europa.eu/regional_policy/cooperation/interregional/ecochange/index_en.cfm.

13 Aktar tagħrif dwar din l-inizjattiva jista' jinkiseb fuq: http://cordis.europa.eu/fp7/capacities/regions-knowledge_en.html.

14 Il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar "Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi ġodda", COM(2007) 161, 4.4.2007, tiddikjara b'mod ċar li l-ERA "għandha ...tirristruttura lilha nnifisha progressivament skont il-linji ta' web sod ta' riċerka u klusters ta' innovazzjoni".

15 Aktar tagħrif dwar l-attivitajiet Ewropej dwar infrastrutturi ta' riċerka hu disponibbli f': http://cordis.europa.eu/fp7/capacities/research-infrastructures_en.html.

16 Aktar tagħrif dwar l-Alleanza Ewropea tal-Klusters u kif tingħaqad miegħu jinkiseb f': http://www.proinno-europe.eu/index.cfm?fuseaction=page.display&topicID=223&parentID=0.

17 Aktar tagħrif dwar l-inizjattiva Ewropea INNOVA f': http://www.europe-innova.org.

18 Aktar tagħrif hu ppreżentat fir-rapport "Klusters u Innovazzjoni Ewropea INNOVA: L-esperjenza ta' 11-il Netwerk", disponibbli f': www.europe-innova.org/index.jsp?type=page&cid=10337&lg=en.

19 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir – 'Att għan-Negozji ż-Żgħar' għall-Ewropa", COM(2008) 394, disponibbli f': http://ec.europa.eu/enterprise/entrepreneurship/sba_en.htm

2. L-ISFIDI LI ĠEJJIN – IL-ĦTIEĠA GĦAL AZZJONI ĠDIDA TA' POLITIKA

L-Ewropa mhix nieqsa mill-klusters, iżda frammentazzjoni persistenti tas-suq, konnessjonijiet ta' riċerka dgħajfa tal-industrija u kooperazzjoni insuffiċjenti fl-UE jfissru li l-klusters fl-UE mhux dejjem ikollhom il-massa kritika neċessarja u l-kapaċità ta' innovazzjoni biex jiffaċċjaw sostenibbilment il-kompetizzjoni globali u biex ikunu ta' klassi dinjija.

Waqt li tinbena l-kompetizzjoni internazzjonali l-istess tagħmel il-pressjoni biex tinkiseb l-eċċellenza. Klusters sodi joffru kombinazzjoni fertili ta' dinamiżmu intraprenditorjali, konnessjonijiet intensivi b'istituzzjonijiet tal-aqwa livell ta' għarfien u żieda ta' sinerġiji fost l-atturi ta' innovazzjoni. Huma jikkontribwixxu għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u għalhekk biex jiksbu l-għanijiet tas-Sħubija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Għalhekk għandha tkun prijorità li wieħed jistinka għall-eċċellenza.

Bħala parti mit-tiġdid tal-ekonomija, klusters ġodda qed jitfaċċaw matul iż-żmien filwaqt li oħrajn qed jitilfu l-vantaġġ fil-kompetittività tagħhom. Dan huwa proċess b'saħħtu mmexxi mis-suq u l-klusters li mhux qed jaħdmu m'għandhomx jinżammu ħajjin b'mod artifiċjali. Klusters bħal dawn m'għandhomx ikunu kanal għas-sussidji li jdgħajfu l-kompetizzjoni kif ukoll it-tfaċċar ta' klusters kompetittivi ġodda. Inizjattivi ġodda tal-klusters għandhom ikunu mfassla bir-reqqa u msaħħa b'raġuni fundamentali ċara ħafna bbażata fuq interessi ta' negozju identifikati b'mod preċiż, potenzjal reġjonali, kompetenzi speċifiċi, punti ċentrali ta' għarfien ta' eċċellenza internazzjonali u previżjoni tas-suq. Jekk kondizzjonijiet bħal dawn ma jkunux issodisfatti, aktarx li inizjattiva tal-klusters ma jkollhiex suċċess. L--isfida mbagħad hi li tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' inizjattivi ta' klusters bi ftit ċans ta' suċċess fuq perjodu ta' żmien twil.

Dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha jikkonċentraw fuq li jipprovdu l-aqwa kondizzjonijiet ta' qafas li jrawmu l-innovazzjoni, l-eċċellenza u l-kooperazzjoni mal-UE kollha. Biex dan l-approċċ isib appoġġ, jeħtieġ li jkun hemm sforzi komuni biex jinkisbu aktar sinerġiji u komplementaritajiet bejnstrateġiji politiċi differenti, programmi u inizjattivi.

3. LEJN AKTAR KLUSTERS TA' KLASSI DINJIJA FL-UE

Is-soluzzjoni biex tissaħħaħ aktar il-kompetittività fl-Ewropa hi li wieħed jistinka għall-eċċellenza fil-livelli kollha u jagħmel l-aħjar użu tal-potenzjal li joffru l-klusters.

Rwol essenzjali tal-Kummissjoni fl-appoġġ tagħha għall-eċċellenza tal-klusters hu li tikkomplementa politika ta' klusters nazzjonali u reġjonali billi tkompli tneħħi l-ostakoli għan-negozju u l-mobilità fl-UE. Suq intern li jaħdem sew joffri l-aqwa kondizzjonijiet għal aktar kooperazzjoni transnazzjonali u mobilità ta' investiment, riċerkaturi u nies bi kwalifiki għoljin, li huma kollha meħtieġa għall-iżvilupp ta' klusters aktar sodi fl-UE. Pereżempju, is-sħubija Ewropea għar-riċerkaturi li ġiet imnedija dan l-aħħar mill-Kummissjoni għandha tgħin biex tneħħi l-ostakoli għall-mobilità ta' riċerkaturi mal-UE kollha.[20]

[20] Ara l-Komunikazzjoni 'Karrieri aħjar u aktar mobilità: Sħubija Ewropea għar-Riċerkaturi", COM(2008) 317 finali, disponibbli f': htpp://ec.europa.eu/research/era/specific-era-initiatives_en.html.

Il-Kummissjoni diġà ħabbret[21] li se tħaffef l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-istrumenti differenti finanzjarji tal-Komunità jaħdmu b'mod aktar strateġiku u konsistenti, billi jippermettu lill-Istati Membri jfasslu l-użu tagħhom tal-istrumenti skont il-miri strateġiċi u l-kondizzjonijiet tagħhom stess. Sabiex iżidu l-impatt tagħhom, l-istrumenti rilevanti tal-Komunità jeħtieġ li jiġu implimentati skont l-isforzi nazzjonali u reġjonali b'appoġġ għall-klusters, kif issuġġerixxa l-Kumitat tar-Reġjuni[22]

3.1. Titjib fil-politika tal-klusters

L-Istati Membri huma mistiedna jkomplu jintegraw il-politika tal-klusters fil-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom fis-Sħubija għat-Tkabbir u l-Impjiegi u biex jirrapportaw kull sena dwar il-kisbiet tagħhom. Dan jgħin lil dawk li jfasslu l-politika biex jifformaw aktar il-politika tal-klusters f'livell nazzjonali u reġjonali u biex jinkoraġġixxi l-iskambju ta' għarfien u prassi tajba mal-UE kollha. F'dan il-kuntest, huwa tajjeb li jkun enfasizzat li l-ġenerazzjoni l-ġdida tal-programmi ta' koeżjoni tkun allineata mill-qrib mal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali u tipprovdi kontribut sinifikanti għall-implimentazzjoni tagħhom.

Barra minn dan, l-Osservatorju tal-Klusters Ewropej jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika b'tagħrif komparabbli u newtrali dwar il-politika tal-klusters u s-saħħa relattiva tal-klusters fl-UE. Dan is-servizz ta' orjentazzjoni tal-klusters lill-Istati Membri, il-promozzjoni tat-tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza u t-tagħlim reċiproku, issa se jkun aktar raffinat u mtejjeb[23].

Biex wieħed jistinka għall-eċċellenza jeħtieġ ukoll programmi ta' appoġġ nazzjonali u reġjonali biex tiġi meqjusa aħjar id-dimensjoni transnazzjonali tal-klusters, fl-UE u lil hinn. Biex ikun hemm appoġġ aħjar ta' koordinazzjoni inizjali bejn l-Istati Membri f'livell reġjonali u nazzjonali fl-ippjanar ta' inizjattivi ġodda tal-klusters jew l-iżvilupp ulterjuri ta' dawk eżistenti, il-Kummissjoni għalhekk tinkoraġġixxi lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jaħdmu aktar mill-qrib flimkien f'livell ta' politika. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tkompli tagħti appoġġ lill-attivitajiet tal-Alleanza Ewropea tal-Klusters talli tappoġġja t-tagħlim reċiproku ta' politika, taqsam l-aqwa prassi u esperjenzi, u tiżviluppa għodod prattiċi komuni b'mod konġunt, li se jagħtu kontribut għall-iżvilupp ta' politika tal-klusters aħjar u iżjed effiċjenti fl-UE[24].

Sabiex jindirizza r-restrizzjonijiet prattiċi għal aktar kooperazzjoni mill-qrib tal-politika tal-klusters, il-Grupp Ewropew dwar Kooperazzjoni Territorjali[25], strument legali maħluq skont

---

21 Komunikazzjoni dwar "Ir-Reġjuni Kompetittivi Ewropej permezz tar-Riċerka u l-Innovazzjoni", COM(2007) 474 finali, ara http://eur-lex.europa.eu/ LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2007:0474:FIN:EN:PDF.

22 Ara l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-klusters u l-politika tal-klusters adottata fil-75 Sessjoni Plenarja tiegħu fid-19 ta' Ġunju 2008, CdR 70/2008 rev.1 EN/o (ECOS-IV-024).

23 Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni akkompanjanti dwar il-klusters, SEC (2008)2637.

24 Il-Kunsill laqa' "l-inizjattiva tal-Kummissjoni tal-Alleanza Ewropea tal-Klusters li timmira biex tistimula kooperazzjoni prattika bejn il-gvernijiet reġjonali" u stieden lill-Kummissjoni f'dan il-kuntest biex tħejji "analiżi dwar kif tippromwovi d-dimensjoni transnazzjonali tal-klusters." It-test tal-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2006 (Kompetittività) huwa disponibbli f: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/intm/91989.pdf.

25 Ara r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006, ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19, disponibbli f': http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/official/regulation/newregl0713_en.htm.

il-politika ta' koeżjoni u żviluppat primarjament għall-ġestjoni ta' programmi ta' politika ta' koeżjoni, jista' jintuża wkoll. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jagħmlu użu aħjar mill-opportunitajiet ipprovduti mis-suq waħdieni meta jfasslu programmi tal-klusters, pereżempju permezz ta' użu aktar wiesa' ta' dokumenti ta' innovazzjoni għax-xiri ta' servizzi ta' appoġġ bejn il-fruntieri.

Biex tkompli tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw viżjoni aktar strateġika biex jilħqu l-massa kritika u l-eċċellenza ta' klassi dinjija, il-Kummissjoni se tistabbilixxi Grupp ta' Kluster Ewropew[26] taħt is-CIP biex tagħmel skambju ta' intelliġenza dwar il-politika tal-klusters bl-għan li tesplora aktar kif tista' tassisti aħjar lill-Istati Membri fl-appoġġ tagħhom għat-tfaċċar ta' aktar klusters ta' klassi dinjija.

3.2. It-trawwim ta' kooperazzjoni ta' klusters transnazzjonali

Minkejja l-isforzi biex jissaħħaħ is-suq waħdieni, il-klusters fl-UE ma jistgħux iserrħu biss fuq il-forzi naturali ta' agglomerazzjoni biex jattiraw it-talent u assi oħrajn bl-istess mod, pereżempju, kif jistgħu l-klusters tal-Istati Uniti. Il-klusters fl-UE jistgħu jikkumpensaw għal ftit minn dawn l-iżvantaġġi billi joħolqu konnessjonijiet aktar b'saħħithom ma' klusters oħra li joffru forzi komplementari. It-tibdil fl-ambjent ekonomiku globali qed jagħmel ukoll il-konnessjonijiet tal-klusters aktar importanti. Bħalma d-ditti jagħtu lill-attivitajiet tagħhom xejra internazzjonali, huwa importanti li l-inizjattivi u l-organizzazzjonijiet tal-klusters, li jappoġġjawhom, jagħtu xejra internazzjonali wkoll.

Għalkemm id-ditti tal-klusters u organizzazzjonijiet tal-klusters jikkompetu kontra xulxin – partikolarment dawk li jagħmlu parti mill-istess settur ta' attivitajiet – hemm ħafna raġunijiet li jiġġustifikaw il-kompetizzjoni u l-kooperazzjoni fl-istess ħin. Hemm ambitu għal aktar tisħiħ fl-eċċellenza tal-klusters permezz ta' kooperazzjoni tal-klusters transnazzjonali f'livell kummerċjali. Dan jista' jinkludi skambju ta' għarfien, ġbir ta' tagħrif dwar is-suq u persunal ikkwalifikat, skambju ta' aċċess għal riċerka u faċilitajiet tal-ittestjar, u ¿vilupp ġdid u servizzi aħjar għal ditti tal-klusters, li se jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' Riċerka ewropea u spazju ta' innovazzjoni komuni. Il-ftuħ tan-negozji Ewropej għall-kooperazzjoni b'ċentri ta' għarfien tal-aqwa kwalità – kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Ewropa – hu prerekwiżit għat-tfaċċar u t-tkabbir ta' klusters ta' klassi dinjija. Dan il-ftuħ hu wkoll meħtieġ biex tibqa' l-kompetittività fl-ambjent ta' negozju globali li dejjem jiżdied. Il-kooperazzjoni tal-klusters tista' tikkontribwixxi aktar għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-viżjonijiet komuni tal-Aġendi ta' Riċerka Strateġika żviluppati mill-Pjattaformi ta' Teknoloġija Ewropea[27].

Il-ġenerazzjoni li jmiss ta' inizjattivi tal-klusters tal-Komunità, jiġifieri skont Ewropa INNOVA ™, ir-Reġjuni ta' Għarfien u l-għan ta' politika ta' koeżjoni preżenti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea[28], se tagħtispinta lill-kooperazzjoni tal-klusters fl-UE b'mod ta' rinfurzar reċiproku u se tagħti kontribut għall-ħolqien ta' aktar klusters ta' klassi dinjija fl-Ewropa, b'mod speċjali f'oqsma b'potenzjal għoli ta' innovazzjoni bħal dawk

---

26 Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C 2008) 6091.

27 Aktar tagħrif jista' jinkiseb fuq: http://cordis.europa.eu/technology-platforms/home_en.html.

28 L-għan tal-"Kooperazzjoni Territorjali Ewropea" isaħħaħ u jibdel l-Inizjattiva Interreg tal-Komunità ta' qabel. Huwa mmirat lejn żvilupp territorjali integrat, kooperazzjoni interreġjonali u skambju ta' prassi tajba, u beda jiffoka fuq l-innovazzjoni. Ġew allokati EUR 2 biljuni lill-innovazzjoni għall-perjodu tal-2007-2013 fl-UE-27 u attivitajiet ta' trans-klusters li jgħaqqdu diversi reġjuni flimkien huma parti minn dan.

appoġġjati mill-Inizjattiva tas-Swieq Ewlenin[29] u oqsma oħrajn bħas-settur marittimu[30]. Għodod ta' suċċess u xierqa u strumenti żviluppati u ttestjati b'dawn is-sħubiji ġodda tal-klusters se jkunu integrati u megħjuna, bl-aktar mod wiesa' possibbli, fin-Netwerk Ewropa għall-Intrapriża l-ġdid[31].

Is-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni 2009 tipprovdi opportunità tajba biex tippromwovi l-ftuħ tal-klusters lejn istituti ta' riċerka u msieħba internazzjonali lil hinn mill-fruntieri. Il-Kummissjoni se tappoġġja, flimkien ma msieħba nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri, l-organizzazzjoni ta' Ġimgħat ta' Innovazzjoni Ewropea biex tippromwovi l-benefiċċji tal-konnessjonijiet bejn ix-xjenza u l-industrija bejn il-fruntieri fil-kuntest tal-klusters.

3.3. Promozzjoni ta' eċċellenza tal-organizzazzjonijiet tal-klusters

Inizjattivi tal-klusters qegħdin dejjem iżjed jitmexxew minn istituzzjonijiet speċjalizzati, magħrufa bħala organizzazzjonijiet tal-klusters, li jieħdu forom diversi, li jvarjaw minn assoċjazzjonijiet mingħajr qligħ, sa aġenziji pubbliċi u kumpaniji. Negozji u partijiet interessati ta' innovazzjoni oħrajn involuti fil-klusters jeħtieġu servizzi ta' appoġġ effiċjenti, professjonali u xierqa biex jieħdu l-benefiċċji massimi mill-organizzazzjoni tagħhom tal-klusters. Madankollu, s'issa, il-kapaċitajiet u l-professjonaliżmu ta' maniġers tal-klusters ma ġewx rikonoxxuti b'mod xieraq. L-organizzazjonijiet ta' klusters effiċjenti u professjonali huma importanti ħafna biex togħla l-kwalità tas-servizzi ta' appoġġ tan-negozju u biex l-inizjattivi tal-klusters jersqu lejn is-sostenibbiltà tagħhom infushom.

Għalhekk il-ġestjoni tal-klusters għandha tkun rikonoxxuta bħala kwalifika professjonali ġdida li teħtieġ standards u professjonaliżmu ta' kwalità għolja biex tipprovdi b'mod effiċjenti s-servizzi meħtieġa mill-intrapriżi u l-istituzzjonijiet li jaħdmu flimkien fi klusters u biex tisfrutta b'mod sħiħ il-benefiċċji mir-relazzjonijiet tal-gvern l-universitajiet u l-industrija. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi sforzi bħal dawn, li diġà bdew f'xi ftit reġjuni tal-UE.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tniedi skont is-CIP Inizjattiva Pilota Ewropea għall-Eċċellenza tal-Organizzazzjonijiet tal-Klusters li toffri programmi ta' taħriġ speċifiku u kooperazzjoni mtejba lill-mexxejja tal-klusters. Jekk tirnexxi, din l-inizjattiva tista' fl-aħħar twassal għall-ħolqien ta' Assoċjazzjoni ta' Ġestjoni tal-Klusters Ewropej awto-sostenibbli mingħajr qligħ li tiżviluppa u tkompli żżomm tikketta ta' kwalità Ewropea għall-organizzazzjonijiet tal-klusters eċċellenti bbażati fuq il-Mudell ta' Eċċellenza Fondazzjoni Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kwalità (FEĠK)[32]. Tikketta ta' kluster Ewropea bħal din tista' tgħin l-organizzazzjonijiet tal-klusters biex jgħollu aktar il-fondi privati u pubbliċi u jtejbu l-viżibilità u r-rikonoxximent **tagħhom mad-dinja kollha.**

---

29 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Inizjattiva tas-Suq Ewkieni għall-Ewropa", COM(2007) 860 finali, disponibbli f': http://ec.europa.eu/enterprise/leadmarket/leadmarket.htm.

30 Skont il-Politika Marittima Integrata tal-UE ("Blue Book"), COM(2007) 575, 10.10.2007, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha biex trawwem network bejn il-klusters marittimi.

31 Aktar tagħrif dwar in-Network Ewropa għall-Intrapriża jista' jinkiseb fuq: http://www.enterprise-europe-network.ec.europa.eu/index_en.htm.

32 Tagħrif dettaljat dwar il-mudell (FEĠK) hu disponibbli f: http://www.efqm.org/.

3.4. Titjib fl-integrazzjoni ta' IŻMs innovattivi fi klusters

Il-klusters joffru ambjent fertili għall-IŻMs u jiżviluppaw konnessjonijiet ma' kumpaniji kbar u msieħba internazzjonali. Fl-istess ħin, għalkemm il-klusters jibbenefikaw mill-preżenza ta' kumpaniji multinazzjonali kbar, l-integrazzjoni tal-IŻMs dinamiċi u innovattivi fi klusters hi partikolarment importanti biex tgħin lill-klusters jiksbu livelli għoljin ta' eċċellenza u innovazzjoni. Għalhekk dawk li jfasslu l-politika għandhom jikkunsidraw il-potenzjal għoli tal-IŻMs meta jfasslu l-politika tal-klusters.

Organizzazzjonijiet tal-klusters joffru firxa wiesgħa ta' servizzi ta' appoġġ ta' negozju adattati – partikolarment għall-IŻM – li jissupplimentaw forom eżistenti ta' appoġġ għall-IŻMs b'mod effettiv ħafna. Servizzi bħal dawn jinkludu l-iffaċilitar ta' kooperazzjoni bejn l-IŻMs u ma' kumpaniji ikbar u istituti ta' riċerka; promozzjoni tal-IPR u trasferiment tat-teknoloġija[33]; u appoġġ ta' attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni.

L-Osservatorju tal-Klusters Ewropej, biex jassisti l-integrazzjoni tal-IŻMs fi klusters, se jipprovdi tagħrif addizzjonali dwar servizzi offruti minn inizjattivi tal-klusters, li se jkunu utli għall-intrapriżi u l-investituri li qed ifittxu postijiet ta' investiment u msieħba strateġiċi fl-UE.

Servizzi ta' appoġġ aħjar u adattati għall-IŻMs offruti jew li jitwasslu permezz ta' organizzazzjonijiet tal-klusters se jkunu żviluppati wkoll bħala proġetti pilota u ttestjati taħt l-inizjattiva Ewropa INNOVA™ u , jekk jirnexxu, imbagħad megħjuna b'mod wiesa' f'livell tal-UE permezz tal-Alleanza tal-Klusters Ewropej u n-Netwerk Ewropa għall-Intrapriża. Dan għandu jgħin biex jagħti spinta lill-effiċjenza u l-impatt ta' skemi ta' appoġġ ta' innovazzjoni fl-Istati Membri filwaqt li jnaqqas il-piż minn fuq l-IŻMs.

In-Netwerk Ewropa għall-Intrapriża se jkun mistieden ukoll biex fl-2009 jorganizza, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet tal-klusters, Kampanja ta' Għarfien għall-Innovazzjoni li se tinforma lill-komunità tan-negozju, b'mod speċjali l-IŻMs innovattivi, dwar mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti, partikolarment għal trasferiment ta' għarfien u internazzjonalizzazzjoni.

IL-KONKLUŻJONIJIET

Il-klusters għandhom rwol importanti fit-tmexxija tal-kompetittività, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE. Madankollu, biex tgawdi l-benefiċċji kollha tal-klusters, l-UE issa għandha tħaffef l-assistenza tagħha lill-Istati Membri u r-reġjuni biex tippromwovi l-eċċellenza fil-livelli kollha, u tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni mal-UE kollha biex tistinka għal aktar klusters ta' klassi dinjija.

Il-klusters għandhom ikunu miftuħa, flessibbli u attraenti għall-aħjar talent u għarfien espert disponibbli mad-dinja kollha. Sforzi f'livelli reġjonali, nazzjonali u tal-UE għandhom jiffaċilitaw it-twaqqif ta' konnessjonijiet aktar mill-qrib u aktar effiċjenti bejn klusters kif ukoll mal-istituti ewlenin ta' riċerka fl-Ewropa u barra mill-Ewropa. Fl-istess ħin, organizzazzjonijiet tal-klusters huma mistiedna biex itejbu s-servizzi ta' appoġġ tagħhom u jintegraw aħjar l-IŻMs innovattivi fi klusters.

---

[33] Servizzi bħal dawn jikkunsidraw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni adottata dan l-aħħar dwar il-ġestjoni ta' proprjetà intelletwali f'attivitajiet ta' trasferiment ta' għarfien u l-Kodiċi ta' Prassi għal universitajiet u organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika oħrajn, C (2008) 1329, 10.4.2008.

Din il-Komunikazzjoni timmira li tikkontribwixxi biex toħloq qafas aktar effiċjenti għal appoġġ tal-klusters fl-UE.

<u>Anness:</u> L-aġenda tal-politika b'appoġġ għal klusters ta' klassi dinjija fl-UE

Il-Kummissjoni se:

- **tappoġġja lill-Istati Membri u r-reġjuni fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-politika tal-klusters tagħhom, notevolment billi tipprovdi tagħrif oġġettiv dwar il-klusters u l-politika tal-klusters, kif ukoll billi tiffaċilita t-tagħlim tal-politika mal-UE kollha;**

- **tiżgura konsistenza u kompetittività aħjar bejn strumenti differenti tal-Komunità b'appoġġ għall-klusters, b'konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;**

- **tistabbilixxi Grupp ta' Politika Kluster Ewropew biex jagħti parir lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar orjentazzjonijiet strateġiċi possibbli għat-tfaċċar u t-tkabbir ta' klusters ta' klassi dinjija fl-Ewropa;**

- **tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' riċerka Ewropea u spazju ta' innovazzjoni komuni billi tiffaċilita kooperazzjoni transnazzjonali prattika bejn il-klusters;**

- **tniedi Inizjattiva Pilota Ewropea għall-Eċċellenza ta' Organizzazzjonijiet tal-Klusters;**

- **ittejjeb it-tagħrif dwar is-servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni disponibbli għall-IŻMs offruti minn organizzazzjonijiet tal-klusters fl-Ewropa, partikolarment permezz tal-Osservatorju tal-Klusters Ewropej u n-Netwerk Ewropa għall-Intrapriża;**

- **tappoġġja, skont il-Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni, l-iżvilupp ta' għodod ġodda jew aħjar biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-IŻMs fi klusters innovattivi;**

u tistieden lill-Istati Membri sabiex:

- **jintegraw bis-sħiħ il-politika tagħhom tal-klusters fil-pilastru kompetittiv tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali, billi jikkunsidraw id-dimensjoni tal-UE, u jirrapportaw dwarhom;**

- **jipprovdu appoġġ aħjar għall-parteċipazzjoni tal-IŻMs fi klusters, billi jkomplu jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula fl-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar;**

- **iħaffu l-isforzi biex jiksbu aktar sinerġiji u komplementaritajiet bejn politika differenti, programmi u inizjattivi fil-qasam tal-politika tal-klusters.**